

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca — MIUR

Konvenuti: Fabio Rossato, Conservatorio di Musica F.A. Bonporti

Dispożittiv

Il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, hekk kif applikata mill-qrati supremi nazzjonali, teskludi, għal għalliema li jaqgħu taħt is-settur pubbliku li bbenefikaw mit-trasformazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom għal żmien determinat f'relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat b'effett retroattiv limitat, kull dritt għal kumpens finanzjarju minħabba l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, meta tali trasformazzjoni la hija inċerta, la hija imprevedibbli u lanqas hija aleatorja u meta l-limitazzjoni tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-anzjanità miksuba bis-saħħa tal-imsemmija kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat tikkostitwixxi miżura proporzjonata sabiex jiġi ssanzjonat dan l-abbuż, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

(¹) ĠU C 374, 6.11.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-8 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu — il-Polonja) — Związek Gmin Zagłębia Miedziowego w Polkowicach vs Szef Krajowej Administracji Skarbowej

(Kawża C-566/17) (¹)

(“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 168(a) — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Prinċipju ta' newtralità tal-VAT — Persuna taxxabli li teżerċita kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi — Oġġetti u servizzi miksuba bl-għan li jitwettqu kemm tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT kif ukoll tranżazzjonijiet mhux suġġetti għall-VAT — Assenza ta' kriterji ta' distribuzzjoni f'leġiżlazzjoni nazzjonali — Prinċipju tal-legalità tat-taxxa”)

(2019/C 230/07)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Związek Gmin Zagłębia Miedziowego w Polkowicach

Konvenuta: Szef Krajowej Administracji Skarbowej

Dispożittiv

L-Artikolu 168(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prattika nazzjonali li tawtorizza lill-persuna taxxabli tnaqqas it-totalità tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imposta fuq l-akkwist ta' oġġetti u servizzi minn dawn tal-aħħar għat-twertiq kemm ta' attivitajiet ekonomiċi, suġġetti għall-VAT, u kemm ta' attivitajiet mhux ekonomiċi, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT, minħabba l-assenza, fil-leġislazzjoni fiskali applikabbli, ta' regoli speċifiċi dwar il-kriterji u l-metodi ta' analiżi li jippermettu lill-persuna taxxabli li tiddetermina l-parti ta' din il-VAT tal-input imħallsa li għandha titqies li hija marbuta, rispettivament, mal-attivitajiet ekonomiċi u mal-attivitajiet mhux ekonomiċi.

(¹) ĠU C 13, 15.01.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Staatssecretaris van Financiën vs L. W. Geelen

(Kawża C-568/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Artikolu 9(2)(ċ) u (e) — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 52(a) — Artikolu 56(1)(k) — Provvista ta' servizzi — Post tat-tranżazzjonijiet taxxabli — Rabta fiskali — Sessjonijiet interattivi ta' natura erotika ffilmjati u mxandra bi streaming dirett permezz tal-internet — Attività ta' divertiment — Kunċett — Post fejn is-servizzi huma fiżikament imwettqa)

(2019/C 230/08)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenut: L. W. Geelen

Dispożittiv

- 1) L-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(2)(ċ) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/38/KE tas-7 ta' Mejju 2002, u l-Artikolu 52(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li provvista ta' servizzi kumplessa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonsisti fl-offerta ta' sessjonijiet interattivi ta' natura erotika ffilmjati u mxandra bi streaming dirett permezz tal-internet tikkostitwixxi "attività ta' divertiment", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li għandha titqies li hija "fiżikament imwettqa", fis-sens tagħhom, fil-post fejn il-fornitur stabbilixxa s-sede tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu jew stabbiliment fiss li minnu s-servizz huwa pprovdut, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-post tad-domiċilju tiegħu jew tar-residenza abitwali tiegħu.